**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 12 ta' Dicembru, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason F. Sultana)**

**-vs-**

**Joseph Zammit, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 431378M; u**

**Sara Madeleine Caruana, detentriċi tal-Karta tal-Identita` bin-numru 9739A**

***Kumpilazzjoni Nru. 669/2012***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati u ċioè -

Fil-konfront ta' Joseph Zammit wahdu talli:

1. fl-24 ta' Ġunju, 2012 għall-habta tat- 3.30 ta' filgħodu f'dawn il-Gżejjer f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli ta' qabel l-Artikolu 95 tal-Kap 9, inġurja, jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pibbliku jiġifieri PC 406 Sean Micallef, PC 1148 Adrian Zahra, PC 970 Luke Galea u PS 524 Paul Cassar waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jaghmlu jew għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. Dan bi ksur tal-Atikolu 96 tal-Kap 9 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 406 Sean Micallef, PC 1148 Adrian Zahra, PC 970 Luke Galea, PS 524 Paul Cassar u ufficjali oħra tal-pulizija, persuni inkarigati skont il-ligi minn

servizz pubbliku, waqt li dawn kienu qed jagixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi, bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċjoè fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GVP 816, għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema ħsara teċċedi l-mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) però hija inqas minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa usittin ċenteżmu (€1164,69);

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja bil-kliem, lil PC 406 Sean Micallef, PC 1148 Adrian Zahra, PC 970 Luke Galea, PS 524 Paul Cassar, persuni inkarigati mil-liġi u minn servizz pubbliku, waqt li kienu jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb jbeżżagħhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz;

5. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas li jobdi ordni leġittima mogħtija lilu mill-pulizija, persuni inkarigati mil-liġi u minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu l-qadi ta' dmirijiethom;

6. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bejn is-sebgħa u t-tmienja ta' filgħodu volontarjament kiser il-paċi pubblika u l-bon-ordni b'għajjat u ġlied;

7. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'xi ħin bejn is-sebgħa u t-tmienja ta' filgħodu qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali;

8. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ittanta li jikkommetti ferita gravi fuq diversi uffiċjali tal-Pulizija.

9. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla Opel Omega bin-numru tar-reġistrazzjoni KBJ257 matul il-perjodu illi huwa kien skwalifikat milli jkollu liċenzja tas-sewqan, bi ksur tal-Art 59 tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb biss li jagħmel użu temporanju minn vettura tal-għamla Opel Omega bin-numru tar-reġistrazzjoni KBJ257, għamel dan mingħajr ma kellu kunsens tas-sid tal-imsemmija vettura, bi ksur tal-Art 61(1) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla Opel Omega bin-numru tar-reġistrazzjoni KBJ257 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta taħt dik il-kategorija għall-imsemmija vettura, bi ksur tal-Art 15(1) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla Opel Omega bin-numru tar-reġistrazzjoni KBJ257 mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurtà dwar riskji għal terzi persuni bi ksur tal-Art 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla Opel Omega bin-numru tar-reġistrazzjoni KBJ257 b'manjiera traskurata Art 15 (1)(a) (2) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta;

14. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla Opel Omega bin-numru tar-reġistrazzjoni KBJ257 mingħajr ma kien qed jagħmel użu mis-seat belt, bi ksur ta' L.N. 129/95;

15. U aktar talli matul il-ġranet ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, bħala persuna li ftehmet li tixtri jew li xtara vettura bil-mutur naqas li fi żmien sebat ijiem jagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija, magħdud l-isem u l-indirizz tal-persuna li tbiegħ jew tiftiehem li tbiegħ l-imsemmija vettura bil-mutur u ċjoè l-vettura tal-għamla Opel OMEGA bin-numru tar-reġistrazzjoni KBJ257 kif ukoll jikkonsenja lill-imsemmi Kummissarju l-liċenzja relattiva.

U fil-konfront tal-imputata Sarah Madeleine Caruana wahedha talli

F'dawn il-gżejjer fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'xi triq jew post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali oħra;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jstgħux jiġu mibdula.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba tirrevoka jew tissospendi kull tip ta' liċenzja f'isem l-imputat għal żmien li lilha jidhrilha xeiraq ai termini tal-artikolu 32 tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex kemm il-darba l-imputati jinstabu ħatja, tikkundannahom għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollha x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri Art 533 (1) Kap 9.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-16 ta' Marzu, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

[1] Fol.230-231

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' Gunju, 2012, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fis-17 t'Ottubru, 2016.

Illi l-abbli difensur issoleva l-eccezzjoni li hemm zball fid-data indikata fl-akkuza u li ghaldaqstant tenut kont li x-xhieda tirreferi ghal jum sussegwenti, l-akkuzi kif dedotti ma jistghux jirrizultaw ppruvati peress li fid-data indikata fl-akkuza, l-imputati ma kkomettewx dak addebitat lilhom.

Ghalhekk qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-provi in sostenn tal-akkuzi migjuba kontra l-imputati ser tibda biex tiddeciedi dan il-punt.

Illi l-akkuzi fil-konfront ta' Joseph Zammit jirreferu ghad-data tal-**24 ta' Gunju, 2012** ghall-habta tat-3:30am; dan hu l-kaz ghall-ewwel hames akkuzi. Is-sitt u s-seba akkuza imbaghad tibqa tirreferi ghall-**istess data** izda l-hin indikat u dak bejn is-7:00am u 08:00am u l-akkuzi li jsegwu wkoll jaghmlu riferenza ghall-<u>istess data</u> izda mhux daqshekk cjar jekk il-hin hux dak ta' bejn is-7am-8am jew tat-3:30am. Il-hmistax l-imputazzjoni imbaghad tirreferi ghal *"granet ta' qabel" minghajr* indikazzjoni ulterjuri dwar il-perjodu li jinghad qed jigi precedut. Madanakollu dan ir-reat ma giex indikat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u dan peress li ma ngabu ebda provi biex jissostanzjaw din l-imputazzjoni.

Illi dwar l-ewwel erbatax l-imputazzjoni, li kif inghad jispecifikaw id-data bhala dik ta' sbieh l-**24 ta' Gunju, 2012**, il-Qorti kkunsidrat ix-xhieda tad-diversi ufficjali tal-pulizija fosthom il-partijiet lezi.

Illi minghajr eccezzjoni dawn lkoll xehdu li l-incident fejn sfaw aggrediti mill-imputati kien sehh **sbieh il-25 ta' Gunju, 2012** u cioe` PC970 Luke Galea[2] li anke esebixxa certifikat mediku li juri li nghata assistenza medika nhar il-25 ta' Gunju, 2012, fil-4:05am;[3] PC837 Daniel Zammit;[4] PC1148 Adrian Zahra;[5] Surgent Maggur 524 Paul Cassar li esebixxa certifikat mediku li juri li nghata assistenza medika nhar il-25 ta' Gunju, 2012, fil-4:40am;[6] PC601 Justin Spiteri;[7] PC509 Jurgen Pace;[8] PC406 Sean Micallef li ukoll esebixxa certifikat mediku li juri li nghata assistenza medika nhar il-25 ta' Gunju, 2012 fil-3:40am;[9] ic-certifikat mediku mahrug dwar Adrian Zahra;[10] u x-xhieda ta' l-Ispettur Antoine Cilia.[11]

---

[2] Fol.43 anke kif ikkonferat minn Dr Valerio Vella Catalano vide xhieda a fol. 219
[3] Fol.41
[4] Fol.46
[5] Fol.71
[6] Fol.178; xhieda a fol.172
[7] Fol.179
[8] Fol.183
[9] Fol.191; xhieda a fol.187
[10] Fol.192 li juri li nghata assistenza medika fl-4:00am.
[11] Fol.201

Ma dawn jinghaqdu s-*survey report* tal-garaxx tal-pulizija minn fejn jirrizulta li 'Date of Collision' kienet dik tal-25 ta' Gunju, 2012;[12] l-istqarrija tal-imputata fejn l-ufficjal investigattiv jaghmel riferenza ghall-fatt li l-imputata giet arrestat *"dalghodu jigifieri illum l-25 ta' Gunju, 2012 ghall-habta tas-2:30am"*,[13] u l-istqarrija tal-imputat tal-25 ta' Gunju, 2012 fejn id-domandi tal-ufficjal investigattiv huma cari u cioe` li Zammit gie arrestat *"illum 25 ta' Gunju, 2012 ghall-habta tas-2:30am?...illum kmieni filghodu u cioe nhar il-25 ta' Gunju, 2012..."*.[14]

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicole Anne Testa**:[15]

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:
"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......*"

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa,**[16] fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament*"

Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.[17] Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.

Illi l-istess Qorti diversament preseduta kellha okkazzjoni tiddistingwi bejn id-data u l-hin tar-reat fis-semtenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Fenech**:[18]

Bir-rispett ic-cirkostanzi huma ferm differenti. F'dan il-kaz mhuwiex si tratta ta' hin izda ta' isem ta' triq, it-tnejn fl-istess lokalità taz-Zurrieq, wahda Triq Wied iz-Zurrieq u l-ohra Triq Wied, iz-Zurrieq. Ukoll fl-

[12] Fol.68
[13] Fol.129 ghalkemm id-domanda sussegwenti tirreferi ghal "l-bierah".
[14] Fol.133
[15] Deciza 31.05.2017 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima
[16] Per Onor. Imhallef D. Scicluna
[17] Ara ukoll Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et – 23/04/2012 (Qorti tal-Magistrati)
[18] Deciza 04.12.2014 per Onor. Imhallef Dr. Michael Mallia

imputazzjoni minbarra l-isem tat-triq issemmi ukoll "... u f'dawn il-gzejjer ..." fejn allura tkopri kull triq illi hawn f'dawn il-gzejjer ....

Fuq dan l-insenjament mhemmx dubbju li qatt ma tista' tinstab htija fl-imputat fuq l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Illi fir-rigward tal-imputazzjoni fil-konfront ta' Sarah Madeleine Caruana hu cjar li id-data li qed issir riferenza ghaliha hi ukoll dik tal-24 ta' Gunju, 2012. Dan jirrizulta cjar ghaliex huma biss l-ewwel, is-sitt u s-seba imputazzjoni li jaghmlu riferenza ghal xi data u hin; is-sittax il-akkuza li tipprecediha titkellem biss fuq perjodu ta' zmien *"il-granet ta' qabel"*. Ghalhekk dak deciz rigward l-akkuzi adebitati lill-imputat Zammit japplikaw, minghajr eccezzjoni, ghall-imputata Caruana.

Ghalhekk il-Qorti ma tarax li hemm aktar lok li tkompli tezamina l-provi jew li tikkunsidra linji difensjonali l-ohra sollevati mill-abbli difensur.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali il-Qorti ma tistax ghajr tillibera lill-imputati minn kwalunkwe htija u piena fuq l-akkuzi kollha imputati lilhom.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**